MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 371/2004

**Avviz numru 371/04 DM**

**Avantech Limited (C 9357)**

**Vs**

**PC Technologies Limited (C 27594)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet l-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, hames mija u tlett liri Maltin u sitta u sittin centezmu (Lm2503.66) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija supplita u servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta minghand is-socjeta' attrici (Dok. A) u ghall-parti tas-somma s-socjeta' konvenuta harget 'cheque', liema 'cheque' ma giex onorat mill-banek (Dok. B u C).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju u bl-interessi mid-data ta' kull fattura kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn ecceppiet illi :

1. It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi rigettata bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-konsult, kontra s-socjeta' attrici, minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha, il-ghaliex is-somma mitluba mhiex kollha dovuta ;
2. Is-socjeta' eccipjenti tammetti illi hija debitrici fil-konfront tas-socjeta' attrici izda f'somma ferm anqas minn dik mitluba, kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta' attrici pproduciet provi ezawrijenti sabiex tistabbilixxi illi effettivament hija kienet ghamlet il-bejgh u kkonsenjat lil kumpanija konvenuta, dak l-apparat u merkanzija kollha ndikata fl-istatement dettaljat a fol 43 tal-process, liema statement huwa munit ukoll bl-invoices partikolari bil-firma tal-persuna illi rceviet l-istess merkanzija ghan-nom tal-kumpanija konvenuta, kif ukoll anke ipprezentat ic-cekkijiet rillaxjati favur taghha mill-kumpanija konvenuta illi ma' gewx onorati jew li ghadhom ma' gewx imsarrfin.

Ghalhekk jispetta lil kumpanija konvenuta illi, jekk tippretendi illi xi fattura partikolari hija zbaljata jew li ghamlet xi pagament akkont illi ma giex akkreditat, iggib il-provi kollha minn naha taghha biex tirribatti dak illi l-kumpanija attrici diga waslet biex tipprova.

F'dan ir-rigward il-kumpanija konvenuta pproduciet lid-Direttur Angelic Mifsud illi jistqarr fl-ahhar deposizzjoni tieghu tas-17 ta' Novembru, tas-sena 2005, illi l-analizi dettaljata li ghamel dwar il-pretensjoni attrici fil-fatt ghamilha fil-mori ta' din il-kawza u jistqarr li effettivament dak kollu illi l-kumpanija attrici tippretendi illi bieghet u kkonsenjat lil kumpanija konvenuta huwa kollu minnu hlief li jikkontesta biss illi xi merkanzija kien irceviha socju tieghu fl-istess kumpanija konvenuta, li jismu Raymond Gatt, u jsosstni illi dan l-istess Gatt seta' rcieva xi partiti minn din il-merkanzija meta ma kienx ghadu socju. Pero' ma pprovda ebda dettalji dwar din l-allegazzjoni, lanqas almenu xi dokument ufficjali sabiex jindika d-data preciza meta Raymond Gatt ma baqax socju tieghu jew li ma baqax jirrapprezenta lil kumpanija konvenuti jew xi dokument iehor li jista' jindika illi Raymond Gatt tnehhietlu l-awtorizazzjoni li jibqa' jirrapprezenta u jircievi merkanzija ghan-nom tal-kumpanija konvenuta fil-hanut taghha u li b'**dan it-tibdil il-kumpanija attrici kienet formalment infurmata.**.

Inoltre, l-istess Angelic Mifsud isosstni illi kumpanija ohra, taht istruzzjonijiet tieghu, kienet ghamlet pagament lil kumpanija attrici fis-somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500), fis-27 ta' Settembru, 2002, liema pagament kellu jigi akkreditat lil kumpanija konvenuta.

Ghalkemm l-atturi, fl-istatement dettaljat taghhom jindikaw illi, gurnata qabel, kienu akkreditaw lil kumpanija konvenuta b'hames mitt lira (LM500), fin-nuqqas ta' prova konklussiva da parti tal-konvenuti illi l-kumpanija Mare Blue Company Limited kienet effettivament sborzat somma ta' hames mitt lira Maltin (LM500) biex tigi akkreditata lill-konvenuti, jew almenu jippruvaw illi l-istess cheque, li kopja tieghu qeghdha a fol 36 tal-process, gie fil fatt imsarraf mill-kumpanija attrici, dawn il-pretensjonijiet ma jirrizultawx ippruvati u ghalhekk ghandhom jigu skartati.

Ghaldaqstant : -

Il-Qorti ssib illi l-atturi ppruvaw konklussivament illi huma kredituri tal-kumpanija konvenuta fis-somma mitluba ta' elfejn, hames mija u tlett liri Maltin u sitta u sittin centezmi (LM2,503.66c) bhala prezz ta' merkanzija supplita u servizzi rezi lis-socjeta' konvenuta u konsegwentement il-Qorti, filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti, qeghdha tilqa' t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn, hames mija u tlett liri Maltin u sitta u sittin centezmu (LM2,503.66c).

Bl-imghaxijiet legali b' effett mis-26 t' April, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------